**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Mejju 2000**

**Rikors Nru: 6B/99**

**Joseph Scicluna**

**vs**

**Mikelina u Karmena ahwa Ciantar**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi r-rikorrenti huwa il-propjetarju ta' zewg porzjonijiet ta' art fl-artijiet maghrufa bhala tas-Santi sive tat-Tulliera fil-kuntrada tal-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat, liema zewg porzjonijiet huma mmarkati wahda bil-kulur ahmar u l-ohra bil-kulur ahdar fis-site plan hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A. Il-porzjoni ta' art immarkata bl-ahdar hija maghrufa bhala Ta' Fuq u hija ta' cirka tnax il-tomna fil-waqt illi dik immarkata bl-ahmar hija cirka ta' disgha titmiem u hija maghrufa bhala dik ta' Isfel.

Illi dawn iz-zewg porzjonijiet huma mqabbla lill-intimati li jhallsu qbiela wahda ghat-tnejn ta' hames liri Maltin (Lm5.00) pagabbli fil-15 ta' Awissu ta' kull sena.

Illi matul dan iz-zmien, il-porzjoni minn din l-ghalqa maghrufa bhala dik Ta' Fuq, u cioe' l-porzjoni ta' art immarkata bl-ahdar, ilha ghal snin twal ma tinhadiemx u thalliet f'dan l-istat ghall-diversi snin b'mod illi giet effettivament abbandunata ghal kollox mill-intimati, hekk kif jista' jigi konstatat minn Rapport li sar mill- A.I.C. David Pace li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B;

Illi, di piu', l-intimati ma jikkultivawx u ma hadmux din l-art u ghalhekk mhumiex qeghdin jirrikavaw ebda prodott minnha;

Illi oltre dan, l-intimati deliberament u/jew bi traskuragni naqsu milli jzommu din l-ghalqa f'kundizzjoni tajba hekk kif kien obbligu taghhom u b'konsegwenza ta' dan gew kkagunati hsarat kbar fil-hitan tas-sejjiegh tar-raba, liema hsarat jammontaw ghall-eluf tal-liri;

Illi minkejja li r-rikorrent interpella lill-intimati diversi drabi, sahansitra b'Ittra Gudizzjarja datata 9 ta' Mejju 1996, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. C sabiex jeffetwaw riparazzjonijiet u xogholijiet ta' manutenzjoni izda dawn ma sarux u di konsegwenza l-ghalqa baghqat tiddeterjora u d-danni kibru minhabba tali inadempjenza;

Talab bir-rispett li stante l-premessi, dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti biex jiehu lura l-pussess tar-raba fuq deskritta maghrufa bhala ta' Fuq fl-artijiet maghrufa bhala tas-Santi sive tat-Tulliera fil-kuntrada tal-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat.

Konsegwentement jordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju minnu ffissat ghal dan l-iskop jitilqu u jizgumbraw mir-raba fuq imsemmi.

Salv kull dispozizzjoni ohra li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jaghti.

Ra l-atti kollha.

<u>Ikkunsidra;</u>

Illi jinghad, preliminarjament, illi l-intimati avolja gew notifikati bir-rikors in ezami fl-24 ta' Mejju 1999 (ara fol 8 "a tergo" tal-process) ma dehrux sabiex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti u lanqas ma pprezentaw xi risposta sabiex jikkontrobattu dak premess u mitlub fl-istess rikors.

<u>Ikkunsidra;</u>

Illi mill-provi prodotti xorta wahda, mir-rikorrenti specifikament a) <u>L-AIC David Pace</u> (a fol 17 et seq ibid) b'referenza ghar-rapport "ex parte" markat <u>Dok. B.</u> a fol 4 tal-process u ghall-pjanta a fol 5 ibid li fuqha <u>bl-ahdar</u> hemm markati, l-art in kwistjoni (a) ara wkoll fol 35 tal-process; (b) <u>Joseph Calleja</u> (a fol 21 et seq ibid); (c) <u>Frank Calleja</u> (a fol 23 ibid); (d) l-istess <u>rikorrenti,</u>

Joseph Scicluna (a fol 24 ibid) li permezz ta' nota esebixxa, wkoll tmien ritratti u fotokopja ta' ritratt (a fol 25 sa 34 ibid) jidher li dak premess fl-istess rikors gie ampjament pruvat u b'hekk it-talbiet in ezami ghandhom jigu akkolti.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u;

1. jawtorizza lir-rikorrenti biex jiehu lura l-pussess tar-raba in kwistjoni maghrufa bhala Ta' Fuq fl-artijiet maghrufa bhala Tas-Santi sive tat-Tulliera fil-kuntrada tal-Kuncizzjoni fil-limiti tar-Rabat skond kif murija bl-ahdar fuq il-pjanta markata Dok. A a fol 3 tal-process liema pjanta ghandha tifforma parti integrali minn din id-decizjoni;

2. jordna lill-intimati sabiex jitilqu u jizgombraw mill-istess raba' sal-15 ta' Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.